KLR 3/VII/2013

Minuti tal-laqgħa li nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex nhar it-Tlieta 28 ta' Mejju 2013 fil-17.30.

PREŻENTI: Is-Sindku Dr Samuel Azzopardi, il-Viċi Sindku Josef Schembri, il-membri Joseph Debrincat, Maria Portelli, Michel Buttiġieġ, Anthony Briffa u Marċel Tabone u s-Segretarju Eżekuttiv Miriam Attard.

Intqalet it-Talba u ġew approvati l-minuti tal-aħħar laqgħa.

**1. Mill-Minuti**

1.1 Rigward mozzjoni numru 3 mressqa mill-kunsillier Buttiġieġ, il-membri qablu li l-Perit għandu jipproponi kif jista' jissolva dan l-ilment bl-inqas spejjes possibli.

1.2 Il-membri qablu li l-Perit għandu jintalab jagħmel stima ta' kemm jista' jiġi jiswa l-kisi bil-porfido tal-isqaqien ta' Triq Sant' Indrija u ta' Triq Aġius De Soldanis.

1.3 Is-Sindku għarraf lill-membri li fit-30 ta' April 2013 ġie approvat proġett tal-Unjoni Ewropea (*I Sapori dello Sport*) li jikkonsisti fi skambji bejn Goro, Commacchio u r-Rabat Għawdex.

1.4 Is-Sindku għarraf lill-membri li s-sid tal-vann li jbiegħ il-ġelat li jkun qabel l-entratura ta' Pjazza Katidral, aċċetta li l-Kunsill jiffirmalu biss sabiex ikollu d-dawl temporanju provdut mill-Enemalta. Dan kif kien isir qabel.

**2. Mozzjonijiet f'isem il-membri**

Mozzjoni nurmu 4 tressqet mill-kunsillier Debrincat u ġiet issekondata mill-kunsillier Buttiġieġ.

**Mozzjoni Numru 4**

**Permezz ta' din il-mozzjoni nitlob lill-Kunsill biex jerġa' jitqajjem il-każ tar-residenti li joqgħodu fi Flat 1, Blokk KB taċ-Ċawla H. E. fejn kont tlabt li ssir katusa taħt il-bankina peress li kull meta tagħmel ħafna xita dawn qed ifuru bl-ilma. Nixtieq infakkar lill-membri tal-Kunsill li meta rranġajna l-*playing field*, il-bankina ta' madwar dan il-blokk għoliet bil-konsegwenza li l-katusa tal-ilma tax-xaft li jiżbokka għal barra, tgħattiet b'din**

**il-bankina. Għaldaqstant nitlob li jerġa jmur il-perit biex jara x'jista jsir biex ntaffu l-konsegwenzi ta' ħsarat li qed issofri l-familja li tgħix fil-flat imsemmi.**

Il-membri qablu ma din il-mozzjoni.

**3. *Victoria Playing Field* – Rapport tal-bord ta' aġġudikazzjoni tal-offerta *Service for project technical consultancy and management***

Din il-meterja se tiġi diksussa fil-laqgħa li jmiss tal-ġimgħa d-dieħla peress li r-rapport qed jiġi finaliżżat.

**4. Offerti: ERDF – *The Setting up of an Integrated Cultural, Arhcaelogical and Historical Trial***

Il-membri qablu li tinħareġ l-offert tax-xogħolijiet ta' kostruzzjoni. Mill-MEPA ntbagħat id-*Development Permit Application (DPA) Report* rigward l-applikazzjoni (PA/02044/10) li l-Kunsill għandu rigward l-*area* fejn se jsir dan il-proġett. F'dan ir-rapport il-ħruġ tal-permess hu rakkomandat. Il-membri qabalu li għandu jitlesta d-dokument tal-*works tender* sal-laqgħa li jmiss sabiex tkun tista' tinħareġ l-offerta.

**(i)** ***Project Administrator***

Din l-offerta għalqet fis-17 ta' Mejju 2013. Intefgħu żewġ offerti u d-dettalji jinsabu f'dokument A. Il-membri tal-bord ta' aġġudikazzjoni għandhom ikunu l-Accountant John Buttiġieġ, il-Perit Gordon Vella, l-Enġinier James Grima, il-kunsillier Marcel Tabone u s-segretarja Miriam Attard.

**(ii)** ***Techincal Conslutant***

Il-membri qablu li l-bord ta' aġġudikazzjoni jkun iffurmat minn dawn il-persuni:- il-Perit Gordon Vella, id-*Draftsman* Paul Dimech, l-Enġinier James Grima, il-kunsillier Marcel Tabone u s-segretarja Miriam Attard.

**(iii)** ***Supply, Installation and commissioning of mechanical and electrical works.***

Il-membri qablu li l-bord ta' aġġudikazzjoni jkun iffurmat minn Nancy Grech, il-Perit Gordon Vella, l-Enġineer James Grima, l-Enġineer Joseph Attard u s-Segretarja Miriam Attard.

**5. Approvazzjoni tal-Estmi 2013**

L-allokazzjoni finanzjarja għas-sena 2013 hi ta' €487,411.00. Din hi €9,074.00 inqas mill-budget tas-sena li għaddiet. Is-Sindku propona li l-Kunsill għandu jikteb lis-Segretarju Parlamentari Jose' Herrera fejn il-Kusnill juri li dan mhux ġust. Il-membri qablu ma dan.

L-estmi għas-sena finanzjarja 2013 ġie approvat skond dkumnet B anness.

## 6. Jum il-Belt Victoria

Il-programm ta' attivitajiet jinsab anness f'dokument Ċ. Ser issir konferenza stampa is-Sibt 1 ta' Ġunju 2013 fl-10.00 fil-Lukanda Calypso, fejn is-Sindku ser iħabbar dan il-programm. Għal din il-konferenza stampa ser jiġu mistiedna rappreżentanti taż-żewġ każini tal-baned, rappreżentant tal-Victoria International Arts Festival u Mro. Colin Attrd peress li ser jidderieġi l-kunċert tal-Orkestra Nazzjonali.

Il-membri ġew mgħarrfa li Mons. Dr Joe Vella Gauċi ma jistax ikun preżenti għaċ-ċerimonja tal-għoti ta' *Ġieħ il-Belt Victoria* peress li ser ikun imsiefer fuq xogħol. Dan il-ġieħ ser jingħatalu f'data oħra. Il-kantanta Rosabel Pavia ma tistax tipparteċipa f'din iċ-ċerimonja peress li għandha mpenji oħra. Għalhekk ser jitqabdu żewġ mużiċisti Rabtin li huma Mark Gauci u George Camilleri. Il-membri qablu li għas-snin li ġejjijn il-Kunsill għandu jikkunsidra li għal-għoti tal-Onorefiċenza *Ġieħ il-Belt Victoria*, jinnonima persuni Rabtin li jkunu ħadmu fil-qasam tat-talent lokali .

Tressqet korrispondenza mingħand is-Soċjeta Filarmonika Leone fejn għarrfu lill-Kunsill li bejn il-5 u d-9 ta' Ġunju 2014 se jorganiżżaw attivita' speċjali li matul dawn il-ġranet ser jinżammu diversi attivatjiet fi Pjazza Indipendenza u l-inħawi. Għalhekk intalab l-approvazzjoni tal-Kunsill sabeix isir użu minn Pjazza Indipendenza u Pjazza Savina fil-ġranet imsemmija, u ż-żewġ dati nklużi. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

## 7. Restawr/*refurbishment* Banca Giuratale *update*

Is-Sindku suġġerixxa li tiġi sottomessa applikazzjoni ġdida mal-MEPA sabiex tinfetaħ is-sala ta' fejn jiltaqa' l-Kunsill. Il-membri qablu.

## 8. Attivita' ta' saħħa u attivita' fiżika fit-8 u 9 ta' Ġunju 2013

Il-membri qablu li jinħareġ permess sabiex issir attivita' bejn it-8 u d-9 ta' Ġunju 2013 quddiem il-*gym The Body Forge* fi Triq Santa Martha. L-attivita' ser tiġi organiżżata minn sid dan il-*gym* u ser jinġabbru fondi f'risq *Puttinu Cares*. Il-Kunsill ser jipprovdi erba' *portable toilets* għal waqt din l-attivita'.

## 9. Offerta tal-ġbir tal-iskart organiku

Il-membri qablu li qabel jinbdew il-ħinijiet il-ġodda tal-ġbir tal-iskart organiku, il-Kunsill għandu jiltaqa' ma rappreżentanti tal-Green Pak u tal-Green MT, sabiex il-membri jaraw liema skema offruta minnhom tkun l-aħjar għal-Kunsill. Il-membri qablu li r-rappreżentanti tal-Kunsill fuq din l-materja għandhom ikunu s-Sindku u l-membri Portelli u Briffa.

## 10. Korrispondenza

Tressqet korrispondenza mingħand:-

10.1 Transport Malta fejn:-

10.1.1 inħareġ il-permess għal-*double yellow lines* fil-ġnub tal-garaxxijiet faċċata ta' 176, Triq Papa Ġwanni Pawlu II;

10.1.2 talbet il-veduti tal-Kunsill rigward petizzjoni tar-residenti ta' Triq Sir Luiġi Camilleri li qed jissuġġerixxu li din it-tirq issir *one way* l-isfel. Il-Kunsill kien talab għal dan qabel inbeda x-xogħol fi Triq Repubblika. Waqt li kienet qed tinqala' Triq Repubblika, Triq Sir Luiġi Camilleri ma setgħatx tkun *one way* u baqgħet ma ngħalqitx. Minn dan iż-żmien l'hawn l-impressjoni tal-Kunsill kienet li r-residenti jriduha *two way*;

10.1.3 intalab permess għall-parkeġġ tal-persuni b'diżabilita' quddiem Helen Grech, 86, Triq Santa Marija. Għanda timtela l-formola konċernata;

10.1.4 fejn il-Kunsill ġie mgħarraf li ser titressaq *bus stop* minn Triq Ġuże' Ellul Mercer għal Triq Għajn Qatet. Din mhix ser taffetwa parkeġġi u ser tkun aktar milħuqa minn min juża t-trasport pubbliku;

10.1.5 ġie suġġerit li quddiem *William's Vet Surgery* fi Triq Papa Ġwanni Pawlu II, minflok parkeġġ riservat għal-ambulanza, ssir *keep clear bay exept for un/loading during clinic opening hous only*. Il-membri qablu ma dan;

10.2 id-Dipartiment tal-Propjeta' tal-Gvern, fejn intalab is-suġġeriment tal-Kunsill rigward talba għat-tqegħid ta' mwejjed u siġġijiet quddiem il-ħanut 'Cup Cake', ta' Triq Salvu Psaila. Il-membri ma sabux oġġezzjoni dment li jibqa' l-aċċess adekwat għall-persuni li jużaw siġġu tar-roti u għall-pubbliku in ġenerali;

10.3 l-uffiċċju tas-Servizzi tal-Ispettorat tas-Saħħa t'Għawdex fejn ġie rappurat li l-latrini ta' Triq taħt Putirjal mhux qed jinżammu f'kundizzjoni ta' ndafa aċċettabbli. Il-kuntrattur tal-Kunsill kien ġie notifikat minnufih;

10.3 Paul M Cassar li bagħat diversi ittri rigward il-petizzjoni ffirmata minn residenti ta' Triq Vajrinġa u Triq Sir Arturo Mercieca rigward il-vetturi tqal li jgħaddu minn dawn it-toroq;

10.4 Philip Vella mill-Ministeru għal Għawdex fejn talab xi dettalji rigward Pjazza San Ġorġ. Il-Kunsill għandu jissuġġerixxi li tintuża s-sistema tal-*customer care* li għandu l-Gvern Ċentrali fejn jidħlu ilmenti u suġġerimenti;

10.5 Emmanuel Bonniċi għan-nom ta' *Emotion Events Malte,* li talab li jinżammu parkeġġi riservati meta jkollu *jeeps* bit-turisti li jkunu ser iżuru ċ-Ċittadella. Il-membri ma qablux peress li jinħoloq preċedent.

**11. Materji oħra**

Il-membri qablu li jintalab il-permess ta' TM sabiex:-

11.1 isir *traffic management* fl-*area* tat-Telgħa ta'Majru u Triq Kerċem. Dan kif ġie suġġerit mill-Kunsill ta'Kerċem;

11.2 issir tabella– *Parking for Light Vehicles Only*, fi Triq il-Kastell;

11.3 isiru *bollards* quddiem ħanut ġdid tad-deheb li ser jinfetaħ fi Pjazza Indipendenza;

11.4 issir *un/loading bay* quddiem *Agri and Pet Supplies* fi Triq Fortunato Mizzi;

Il-membri qablu li jitniżżlu fil-lista tal-bankini dawn li ġejjin:-

11.5 bankina ġdida quddiem 'Kenn Ġużeppin', fi Triq Ġorġ Borġ Olivier;

11.6 jinbidel il-madum tal-bankina ta' 34, Triq Mons. Luiġi Vella. Dan peress li dak eżistenti jiżloq;

11.7 titraġa bankina quddiem 59, Triq Pompei biex issir aċċessibli għas-siġġu tar-roti;

11.8 l-bankina ta' quddiem 'Redentur' Triq Franċesco Masini issir *bricks* biex tiġi pariġġ il-bqija tal-bankina;

Il-membri ġew mgħarrfa li:-

11.9 daħlu l-fondi (€21,226,91) tal-proġett li kien qed isir fil-*blocks* taċ-Ċawla H. E. Dan mill-Awtorita' tad-Djar. Hekk ikun jista' jitħallas il-kuntrattur J.Portelli Porjects tax-xogħol li għamel. Dan ix-xogħol hu ċertifikat mill-Perit tal-Awtorita' tad-Djar;

11.10 daħlu l-fondi (€7,000) nid-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward l-iskema tal-attivtajiet li jkopru l-attivita' ta' lejliet l-ewwel tas-sena 2012;

11.11 inġabar ukoll li-i*sponsor* li toffri *Coca Cola* (€1,475) għal attivita' ta' lejliet l-ewwel tas-sena 2012;

11.12 Emanuela Ħili aċċettat li teħel bozza ġdida mal-propjeta' tagħha fi Triq Mons. Ġużeppi Farruġia;

11.13 id-dawl tal-art ta' Pjazza San Ġorġ sar fis-7 ta' Mejju 2013;

11.14 s-servizz tal-knis u tal-ħrit tal-*playing field* ma jibqax isir minn *TC Cleaning Service*. Il-ħaddiema tal-Kunsill li jaħdmu fit-toroq għandhom jibdew jgħamlu dan ix-xogħol. Sadanittant il-kont tal-ħrit tal-*playing field* għandu jitħallas biss sa Frar 2013;

11.15 *Get Helathy Roadshow '13* ġie imħassra minn naħħa tal-organiżżaturi.

Il-membri qablu li:-

11.16 jinħareġ permess għal-*one day event* lis-Soċjeta' Filarmonika La Stella sabiex torganiżża BBQ fit-30 ta' Ġunju 2013 minn salib it-toroq ta' Triq Repubblika sal-każin tal-banda;

11.17 l-orgnaiżżaturi tal-festa tal-Qalb ta' Ġesu' fil-Fontana jingħatalhom permess jgħamlu t-toqob għall-antarjloi fl-*area* ta' Wesgħa Vinċenzo Labini. Dawn bil-kundizzjoni li t-toqob jitgħattew bil-*covers* apposta;

11.18 il-*gate* tal-grawnd Leli Farruġia għandha terġa' tibda tinżamm mgħaluqa matul il-lejl speċjalment fil-*weekends*. Dan wara suġġeriment tal-Pulizija

11.19 terġa' tinħareġ l-offerta sabiex issir il-funtana tal-bronż fi Pjazza San Ġorġ. Il-kunsillier Debrincat ma jaqbilx ma din id-deċiżjoni.

Il-laqgħa spiċċat fit-20.00 u laqgħa oħra ser issir nhar it-Tlieta 4 ta' Ġunju 2013 fil-17.30.

| | |
|---|---|
| Av Samuel Azzopardi | Miriam Attard |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |